**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 275/2022 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**AB**

**Illum 6 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

AB ta' 54 sena, bin A u B, imwieled il-Pieta'

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju 2022 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa n-Naxxar u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'dievrsi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ksirt Ordni ta' Protezzjoni moghtija lilek mill-Magistrat Dott Viktor Axiak LLD nhar l-10 ta' Settembru 2019 u dan bi ksur t'Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Barra min dan l-imputat AB huwa akkuzat talli renda ruhhu recidiv b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenza hija definiitiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija, mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghal persuna ta' CD u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **AB** b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoiss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmi **AB** sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 25 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-kunsens tal-Avukat generali, stqarrija tal-imputat, l-Orni ta' Protezzjoni, kopja ta' senetnza datata l-10 ta' Settembru 2019, fedina penali tal-imputat, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, current incident report GHQ/GBD/658/2022.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil CD u EF.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat gie akkuzat talli kiser Ordni ta' Protezzjoni fl-10 ta' Settembru 2019 u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li huwa irrenda ruhhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-kaz giet esebita vera kopja ta' Ordni ta' Protezzjoni tal-10 ta' Settembru 2019 mahruga mill-Magistrat Dr Victor Axiak li tindika lil AB li ghandu l-karta tal-identita' X Illi din l-ordni kellha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' erba' (4) snin apparti kundizzjonijiet ohra msemmija fiha.

Illi d-difiza qeghda tikkontendi li l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghata biss fil-fazi ta' qabel ma jkun hemm sentenza finali. Illi ladarba jkun hemm sentenza finali se mai il-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament hekk:

> **412Ċ.** (1) Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tista', kemm *ex officio* jew b'talba ta' xi parti fil-proċedimenti, minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

Illi l-kliem uzat f'dan il-kaz hija meta persuna tkun giet mixlija jew akkuzata b'reat quddiem il-Qorti tal-Magistrati kemm bhala Qorti Istruttorja kif ukoll bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Illi ghalhekk din l-Ordni ta' Protezzjoni tapplika fil-mument li persuna tkun giet imressqa quddiem il-Qorti u mixlija jew akkuzata b'reat. Illi min-naha l-ohra l-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> **382A.** (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu, meta l-qorti tqis li jkun espedjenti li hekk tagħmel għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 412Ċ(1), il-qorti tista', meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trażżin") li tista' tagħti effett għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ imsemmiu d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (8) sa (11) tal-artikolu 412Ċ, it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Illi minn dak li hemm f'dan l-ahhar artikolu tal-Ligi jaghmel referenza 'meta taghti sentenza kontra l-akkuzat'. Illi ghalhekk l-applikazzjoni ta' din l-Ordni ta' Trazzin huwa meta akkuzat jinghata sentenza. Illi d-differenza wkoll hija cara li fejn ghandek l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tibqa' in vigore sa massimu ta' hames snin filwaqt that l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija ghal perijodu ta' tlett snin. Illi kien ghalhekk li l-legislatur ghamel din id-differenza ghar-raguni li l-applikazzjoni taghhom u cioe' tal-Artikolu 412C u 382A ghandhom jigu applikati f'sitwazzjonijiet differenti.

Illi f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza li suppost taghmel referenza ghal kaz li l-imputat kellu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti

Istruttorja. Illi din il-Qorti kif preseduta ma tistax tkun Qorti ta' revizjoni dwar il-fatt jekk is-sentenza mghotija kenitx wahda nulla jew le. Huwa minnhu li ladarba Qorti tal-Magistrati taghti sentenza, taghmel dan wara li minn Qorti Istruttorja tinbidel ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali sabiex tkun tista' ssib htija o meno dwar l-akkuzi migjuba kontra l-imputat. Illi pero' din il-Qorti ma tistax tidhol fuq din il-kwistjoni ladarba din il-Qorti mhux wahda ta' revizjoni. Illi pero' zgur li din il-Qorti ghandha l-poter li tidhol fil-mertu dwar il-fatt jekk kienx applikabbli l-artikolu 412C jew inkella l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mis-sentenza esebita l-Qorti tara li fl-ewwel lok ma tela' ebda xhud sabiex jindika li s-sentenza esebita qeghda taghmel referenza ghall-imputat. Illi minn ezami akkurat ta' din is-sentenza ma hemm ebda indikazzjoni li l-isem huwa tal-imputat jew inkella li n-numru tal-karta tal-identita' huwa l-istess wiehed li ghandu l-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tiddeciedi fuq kaz fejn persuna kien inghata setenza u trid tasal ghal konkluzjoni b'mod car li tapplika ghall-imputat u mhux ghal xi persuna ohra. Illi pero' il-Qorti ma tsiatx tassumi li dik is-sentenza hija applikabbli kontra l-imputat ghaliex ma ghandha ebda fatt jew xi xhud li hija indikattiva kontra l-imputat. Illi se mai kellu jkun almenu l-istess registratur tal-Qorti li joffri dawk il-fatti mix-xhieda tieghu li jghid li dik is-sentenza hija kontra l-istess imputat odjern. Illi pero' hadd ma tela' jixhed min-naha tar-Registratur tal-Qrati biex jikkonferma dan il-fatt.

Illi min-naha l-ohra giet esebieta vera kopja ta' ordni ta' protezzjoni li nhareg kontra AB li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru X. Illi dawn il-fatti ma gewx kontestati min-naha tad-difiza li din l-Ordni ta' Protezzjoni ma kenitx tapplika ghall-imputat jekk kienx AB jew in-numru tal-karta tal-identita' X. Illi pero' anki f'dan il-kaz ebda persuna ma tela jixhed li din l-Ordni ta' Protezzjoni hija applikabbli fil-konfront ta' AB. Illi ghandu jinghad ukoll li hadd ma tela' jixhed u jikkonferma jekk f'dan il-kaz kenitx ghadha in vigore jew le din l-Ordni ta' Protezzjoni fil-kaz sabiex ikun hemm il-htiega li tinstab htija jew le jekk kisirx il-kundizzjonijiet imposti.

Illi kieku kien il-kaz li xhud semma li f'dan il-kaz, l-ordni ta' protezzjoni kienet ghada fis-sehh minhabba li ma kienx hemm sentenza definitiva, allura il-Qorti ma kienx ikollha triq ohra dwar sejbien ta' htija jew le. Illi anki jekk se mai is-sentenza hekk esebita kienet applikabbli kontra l-imputat, mid-decizzjoni finali tal-istess sentenza, wera bic-car li kien hemm decizzjoni u kien ghalhekk li f'dan il-kaz l-Artikolu 412C ma jkunx applikabbli izda jigi applikat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi pero' f'dan il-kaz ma kienx hekk, ghaliex ir-ragunijiet li tat il-Qorti kienet li mmhux se tapplika l-artikolu 382A minhabba li kien hemm l-artikolu 412C izda dan gie mghoti fl-10 ta' Settembru 2019 fl-istess jum li nghatat s-sentenza finali. Illi kif inghad hawn fuq din il-Qorti mill-prova mressqa ma jirrizultax li din is-sentenza inharget fil-konfront tal-imputat ladraba ma xehed hadd sabiex jikkonferma dak li hemm fiha u li hija fil-konfront tal-imputat. L-istess ghal fatt li l-Ordni ta' Protezzjoni

ma xehed had jikkonferma li f'dan il-kaz ir-raguni li nhareg kien li hemm proceduri pendenti.

Ghalhekk din il-Qorti fuq il-fatti hekk spjegati ma tistax issib htija kontra l-imputat li huwa kiser xi kundizzjonijiet imposti fuqhu ladarba ma kienx hemm prova dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-imputat huwa akkuzat ukoll li irrenda ruhhu recediv taht dak li hemm fl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi anki hawn, ma ngiebet ebda prova li l-imputat kien gie misjub hati u nghata xi piena li b'hekk irrenda ruhu recediv. Illi l-prosekuzzjoni gabet biss il-fedina penali izda mhux kopja tas-sentenzi fejn seta' gie misjub hati u b'hekk jigu applikati l-artikoli 49 u 50 f'kaz ta' sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza. Illi lanqas f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax issib htija.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 49, 50 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat AB hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Registratur**